MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Numru 785/2003

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Keith Falzon, iben Simon, imwieled
Pieta' fis-26 ta' ġunju, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' settembru, 2003, minn ġewwa l-istabiliment bl-isem 'Sinners in Heaven', Triq San Ġorġ, San Ġiljan u\jew Fil-viċinanzi, f'xi ħin bejn is-1.00 a.m. u is-2.00 a.m. ikkometta serq ta' handbag, mobile phone tal-marka Nokia u oġġetti oħra tal-valur komplessiv li ma jeċċedix Il-mitt lira maltin (Lm100), liema serq hu ahhravat bil-ħin għad-dannu ta' Isabella Grantham.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' novembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 37, 261(f), 270 u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat li l-imputat hu minorenni u għandu fedina penali netta, kif ukoll li kkolabora mal-pulizija u li l-affarijiet ġew mogħtija lura lil sidhom. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------